MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2015

Numru 875/2009

Il-Pulizija

Spett Maurice Curmi)

vs

Sarah Ann Gatt

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputata ta’ karta ta’ identita’ numru 463780m, akkuzata talli f’jannar u Frar tas-sena 2009:

1. b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billinqdiet b’qerq iehor, ingann, jew billi wriwt haga b’ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamlet qligh ta’ aktar minn elfejn tliet mija u disa u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmi (E2329.37), ghad-dannu ta’ Andrew Fleri Soler detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 28068m ai termini ta’ l-Artikolu 309,309 u 310 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. approprjat ruha billi dawret bi profit ghaliha jew ghall-persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkonsenjata lilha that titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat ghad-detriment ta' Andrew Fleri Soler detentur tal-karta tal-identita' 28068m ai termini tal-Artikolu 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputata sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali permezz ta' liema bghat lill-imputata biex tigi gudikata minn din il-Qorti skond l-artikoli tal-ligi minnhu citati;

Semghet lill-imputata tiddikjara li ma kellix oggezzjoni li l-kawza tinstema sommarjament;

Semghet u rat ix-xhieda prodotta;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

Ai termini tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali (folio 71) l-imputata tinsab akkuzata b'frodi b'ghemil gharrieqi (truffa) u bi frodi innominat, aggravat fiz-zewg istanzi, minhabba ammont involut (car li z-zewg deltti huma in alternattiva ghal xulxin) u bl-approprjazzjoni bla jedd (misapproprjazzjoni) wkoll aggravata.

Il-kaz jsib l-origini tieghu minn kwerela tal-allegata parti leza li b'ittra indirizzata lill-pulizija datata 4 ta' Awissu 2009 (folio 26), fejn hu allegat li fi Frar ta' dik l-istess sena l-kwerelant kien ghadda l-ammont ta ' erba telef euro lil-imputata sabiex jinxtara minn sorsi barranin apparat elettroniku biex jinbiegh f'Malta u jinqasam il-profitt wara li jithalas l-ammont kapitali. L-ittra tallega li l-merkanzija ma nxtratx u l-kapital intuza mill-imputata biex hija hallset xi dejn li kellha. Sakemm jikkoncerna l-ammont u l-fatt rigwardanti l-apparat elettroniku dan hu konfermat mill -imputata fl-istqarrija taghhha (folio 27 et seq). Izda, fl-istess imbaghad, hi stqarret li kienet efettivament ordnat l-apparat elettroniku minn barra, kienet halsitu u tramite terza persuna, certu Chris Mifsud, inbiegh lill-hanut jismu 'Technoworld' u thallset tieghu permezz ta' cekk, li skond l-istqarrija taghha, kienet iddepositatu f'kont mal-HSBC liema kont kien intestat fuqha u r-ragel taghha. Kompliet stqarret f'din l-istqarrija li fiz-zmien li iddepositat ic-cekk l-kont kien milqut b'sekwestru minhabba fi proceduri ta' separazzjoni li kienu pendenti ma' zewgha; ikkonfermat li ma kinitx qada irrestitwit la l-kapital u wisq anqas xi profitt lill-kwerelant. Igifieri, sa hawnhekk il-fatti certi li johorgu huma l-ammont ta' erba' telef euro li l-kwerelant kien ghaddielha u non restituzzjoni taghom sal-present.

Intant, mill-provi in atti ma tirrisulta ebda prova tal-importazzjoni ta' l-apparat elettroniku, liema prova kienet tispetta lill-prosekuzzjoni, izda mhux biss billi tinsab wkoll nieqsa l-prova tal-bejh tal-apparat kif sostnut mill-imputata, liema prova kienet allura tinkombi fuqha. Anzi, f'dan il-kuntest huwa notat diskrepanza bejn li stqarret l-imputat fl-istqarrija u dak li xehdet 'viva voce' quddiem il-Qorti fejn f'ta' l-ewwel isemmi lill-certu Chris Mifsud li ha hsieb u fit-tieni lil certu Alessio li tghid li kien ha l-konsenja tal-apparat u ma thallasix. Izda, mhux biss, billi l-prosekuzzjoni kienet ipproduciet biex jixhed sid it'Technoworld' li stqarr li mal-imputata u lanqas mal-persuna li l-imputata ssemmi

bhala Chris Mifsud qatt ma kien ghamel negozju! Targa, dak li tistqarr l-imputata fl-istqarrija taghha, mhux ripetuta fix-xhieda 'viva voce', hu l-fatt li l-flus, cioe' r-rikavat mill-apparat, gew minnha depositati l-HSBC, fatt dan li mid-dokumenti ma jirrisultax, ovvjament ghaliex fix-xhieda 'viva voce' taghha tafferma li ma thallsitx.

Ikkonsiderat:

Li, fil-fehma tal-Qorti, r-reat ta' truffa jew anka l-frodi innominat ma jissusistux. Il-Qorti ma rravisat ebda ingann, per esempju permezz ta' raggiri u artificcji, adoperati mill-imputata li inducew il-kwerelant jitlaq il-flus minn idejh. Semplici menzonji ma jikkostitiuwx raggiri u artificji.

Mill-banda l-ohra l-appropjazzjoni indebita, li fil-kas 'de quo' jittratta flus, fih bhala elementi li jidistingwuh:

1. il-pussess tal-flus f'idejn l-imputata taht kwalsijasi titolu legali bhal ma jista jkun is-self, proprju il-kaz hawnhekk ;
2. l-approprjazzjoni tal-istess flus mill-imputata li tinverti t-titolu taghhom ghaliha u tiddisponi minnhom daqs li kieku kienet il-proprjetarju taghhom u mhux skond l-iskop li kienu fdati lilha;
3. il-profitt ghall-imputata u d-dannu soffert mit-terz kwerelant.

Issa, bhala fatt il-flus konsistenti fl-erba telef euro u mhux ukoll l-eventwali profit (li hi purament ta' indole civili) effettivament ghaddew mill-kwerelant lill-imputata u ma gewx restitwiti. Jirrisulta li l-iskop kien biex jinxtraw apparat elettroniku minn barra li l-prova tal-importazzjoni, inkombenti fuq il-prosekuzzjoni, ma gietx fornita. Izda, anqas l-imputata ma'gabet ebda prova fir-rigward u lanqas ma jinsab pruvat b'mod sodisfacjenti minn naha taghha kif gew minnha adoperati l-flus, jekk verament inxtara l-apparat, kif u lil min inbieh, u jekk effettivament thalsitx u x'ghamlet bir-rikavat, jekk il-kaz. Fil-kuntest ta' dan ma jirrisultax li gew depositati l-bank. Certa prova allegata mill-imputata kien jinkombi fuqha li tipprovha. Id-divergenza bejn dak li stqarret fl-istqarrija taghha, li l-Qorti qeghdha tikkonsidra ammissibbli - d'altronde inqrat lilha u ikkonfermata minnha fil-kors tax-xhieda taghha 'viva voce' – jimminaw serjament l-verosimiljanza tax-xhieda taghha b'daqstant li hi lecita l-inferenza li l-imputata zammet u uzat l-flus ghall-skopijiet taghha.

Konsegwentement, ma ssibx l-imputata hatja tal-ewwel akkuza izda ssibha hatja tat-tieni. Rat l-Artikolu 293 tl-Kap 9. Tikkundanna sena prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 qeghdha tissospendihom ghal sena mill-lum hlief jekk matul dan il-perjodu ta' sena hija tikkommetti reat iehor soggett ghall-prigunerija. Tapplika wkoll kontra l-imputata l-Artikolu 28H tac-citat Kap li thallas lill-kwerelant fiz-zmien li ma jiskorrix sitt xhur mill-lum l-ammont ta' erba t'elef euro.

Il-Qorti spiegat lill-imputata ir-responsabiltajiet taghha skond is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------